KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fit-8 ta' Marzu 2016[1]

Kawżi C-540/14 P, C-551/14 P, C-564/14 P u C-565/14 P

DK Recycling und Roheisen GmbH (C-540/14 P)
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-540/14 P),
u
Arctic Paper Mochenwangen GmbH
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-551/14 P),
u
Raffinerie Heide GmbH
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-564/14 P),
u
Romonta GmbH
vs

Il-Kummissjoni Ewropea (C-565/14 P)

"Appell — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Regoli tranżitorji dwar l-allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas — Deċiżjoni 2011/278/UE — Miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni ppreżentati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja — Ċaħda tar-reġistrazzjoni ta' ċerti installazzjonijiet fuq il-listi ta' installazzjonijiet li jirċievu kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas — Klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi — Element essenzjali ta' att ta' bażi — Kompetenzi ta' eżekuzzjoni — Għan sussidjarju taż-żamma tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni"

1. L-erba' appelli li se neżamina f'dawn il-konklużjonijiet ġew ippreżentati minn erba' impriżi Ġermaniżi - DK Recycling und Roheinsen GmbH (l-appellanti fil-Kawża C-540/14 P, iktar 'il quddiem "DK Recycling"), Arctic Paper Mochenwagen GmbH (l-appellanti fil-Kawża C-551/14 P, iktar 'il quddiem "Arctic Paper"), Raffinerie Heide GmbH (l-appellanti fil-Kawża C-564/14 P, iktar 'il quddiem, "Raffinerie Heide"), u Romonta GmbH (l-appellanti fil-Kawża C-565/14 P, iktar 'il quddiem, "Romonta", ikkunsidrati flimkien, l-"appellanti") – li joperaw installazzjonijiet suġġetti għall-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilita bid-Direttiva 2003/87[2]. L-appellanti kollha talbu lill-awtoritajiet Ġermaniżi l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, (ĠU L 140, p. 63, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/87").

għall-installazzjonijiet tagħhom abbażi ta' klawżola prevista fil-miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali adottati fil-Ġermanja, li jippermettu l-allokazzjoni ta' kwoti supplimentari mingħajr ħlas għall-impriżi li għalihom, il-parteċipazzjoni fl-iskema ta' skambju ta' kwoti toħloqilhom "diffikultajiet eċċessivi" (iktar 'il quddiem, il-"klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi").

2. L-erba' appelli jipprevedu l-erba' sentenzi [3] (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, "is-sentenzi appellati") li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, essenzjalment, ċaħdet it-talbiet għall-annullament parzjali ppreżentati mill-appellanti kontra d-Deċiżjoni 2013/448/UE [4] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni Ewropea ċaħdet ir-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet tal-appellanti fil-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas li l-awtoritajiet Ġermaniżi pproponew abbażi tal-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi.

3. Il-kwistjoni prinċipali ssollevata f'dawn il-kawżi, li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba tanalizza b'mod preliminari, tikkonċerna l-portata tal-kompetenza tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implementazzjoni tad-Direttiva 2003/87 sabiex tistabbilixxi regoli armonizzati għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għat-tielet perijodu ta' skambju, jiġifieri mill-2013. B'mod speċifiku, il-kwistjoni essenzjali li tirriżulta minn dawn l-appelli hija li jsir magħruf jekk, fid-dawl tal-għanijiet tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, id-Direttiva 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29 [5], kinitx tippermetti li l-Kummissjoni tipprevedi fl-imsemmija miżuri ta' implementazzjoni klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-Direttiva 2003/87*

4. Fil-kuntest tal-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu ssodisfatti l-impenji tal-Protokoll ta' Kjoto [6], id-Direttiva 2003/87 stabbilixxiet skema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea sabiex jiġi ffaċilitat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet. Din l-iskema ssegwi dan l-għan f'kundizzjonijiet ekonomikament effikaċi u effiċjenti [7]. Għal dan l-għan, id-direttiva msemmija tipprevedi tnaqqis lineari tal-kwantità totali tal-kwoti allokati kull sena għall-Unjoni kollha [8].

5. Skont it-termini tal-premessa 5 tagħha, id-Direttiva 2003/87 tikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha "b'mod iktar effettiv, permezz ta' suq Ewropew effiċjenti fil-għoti ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra, bl-inqas tnaqqis possibbli ta' l-iżvilupp ekonomiku u tax-xogħol".

6. Skont il-premessa 7 tad-Direttiva 2003/87, "jeħtieġ li jiġu adottati disposizzjonijiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-allokazzjoni tal-kwoti mill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-integrità tas-suq intern u sabiex tiġi evitata id-distorsjoni tal-kompetizzjoni".

3 — Sentenzi tas-26 ta' Settembru 2014, DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830), Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828), Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835) u Raffinerie Heide GmbH vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830).

4 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87 (ĠU L 240, p. 27).

5 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 — Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE, tal-25 ta' April 2002, dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-impenni li hemm fiha (ĠU L 130, p. 1).

7 — Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87.

8 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87.

7. L-Artikoli 10, 10a u 10c tad-Direttiva 2003/87, li ġew inklużi fiha permezz tad-Direttiva 2009/29, jinkludu r-regoli għad-distribuzzjoni tal-kwantità totali tal-kwoti allokati kull sena għall-Unjoni kollha, għat-tielet perijodu ta' skambju. Mill-2013, parti minn dawn il-kwoti ġiet irkantata mill-Istati Membri [9] u parti oħra, iżgħar [10], ġiet allokata mingħajr ħlas abbażi tar-regoli inklużi fl-Artikoli 10a u 10c tad-Direttiva 2003/87.

8. F'dak li jirrigwarda speċifikament l-iskema tranżitorja tal-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas, maħsuba li tiskadi fl-2027 [11], skont it-termini tal-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29, "[g]ħandha tingħata allokazzjoni gratis tranżitorja għal istallazzjonijiet permezz ta' regoli madwar il-Komunità ('punti ta' riferiment ex ante') kollha sabiex tinżamm minima d-distorsjoni tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità".

9. L-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, introdott bid-Direttiva 2009/29, jipprevedi r-"[r]egoli tranżitorji madwar il-Komunità kollha għal allokazzjoni gratis armonizzata". Skont it-termini tas-subparagrafi 1 sa 5 tal-paragrafu 1 u tal-paragrafu 2 tiegħu:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta' implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti [ta' emissjonijiet mingħajr ħlas].

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 23(3).

Il-miżuri *msemmija* fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti ta' riferiment ex ante Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO2, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet.

Fil-prinċipju, għal kull settur u subsettur, il-punt ta' riferiment għandu jiġi kkalkulat għall-prodotti aktar milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati kemm jista' jkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika matul kull proċess ta' produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat.

Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-punti ta' riferiment ex ante f'setturi u subsetturi individwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati, inklużi s-setturi u subsetturi kkonċernati.

[…]

2. Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-punti ta' riferiment f'setturi jew subsetturi individwali, il-punt ta' bidu għandu jkun ir-rendiment medju tal-installazzjonijiet li jiffurmaw l-ogħla 10 % tal-aktar istallazzjonijiet effiċjenti f'settur jew subsettur fil-Komunità fis-snin 2007-2008 […]".

9 — Ara l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87 u l-premessa 15 tad-Direttiva 2009/29.

10 — Artikolu 10a (11) tad-Direttiva 2003/87.

11 — Ara l-Artikolu 10a(11) tad-Direttiva 2003/87 u l-premessa 21 tad-Direttiva 2009/29.

10. Skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87, kull Stat Membru kellu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2011, il-lista tal-installazzjonijiet koperti minn din id-direttiva li jinsabu fit-territorju tiegħu, kif ukoll il-kwoti mingħajr ħlas allokati għal kull installazzjoni li tinsab fit-territorju tiegħu [12]. Il-paragrafu 3 tal-istess artikolu jipprevedi li l-Istati Membri ma jistgħux joħorġu kwoti mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet li l-Kummissjoni tkun irrifjutat li jiġu rreġistrati fil-lista prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

B – *Id-Deċiżjoni 2011/278/UE*

11. Fl-implementazzjoni tal-obbligu tagħha previst fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, li twaqqaf il-miżuri ta' implementazzjoni totalment armonizzati fl-Unjoni dwar l-allokazzjoni armonizzata tal-kwoti mingħajr ħlas, il-Kummissjoni adottat, fis-27 ta' April 2011, id-Deċiżjoni 2011/278 [13]. F'din id-deċiżjoni, hija stabbilixxiet ir-regoli tranżitorji għall-Unjoni Ewropea kollha dwar l-allokazzjoni tal-kwoti msemmija.

12. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni żviluppat, sa fejn kien possibbli, punt ta' riferiment għal kull prodott [14]. Fil-każijiet fejn il-kalkolu tal-punt ta' riferiment ta' prodott ma kienx possibbli, iżda fejn emissjonijiet ta' gassijiet serra setgħu jagħtu lok għall-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet, il-Kummissjoni stabbilixxiet ġerarkija ta' tliet għażliet ta' rimedju [15]. L-ewwel nett, il-punt ta' riferiment tas-sħana huwa applikabbli għall-proċessi tal-konsum tas-sħana meta jintuża trasportatur tas-sħana li jista' jitkejjel. It-tieni nett, il-punt ta' riferiment tal-fjuwil huwa applikabbli meta tiġi kkunsmata sħana li ma tistax titkejjel. It-tielet nett, għall-emissjonijiet minn proċessi, il-kwoti tal-emissjonijiet ġew allokati fuq il-bażi tal-emissjonijiet storiċi.

C – *Id-dritt Ġermaniż*

13. Fil-Ġermanja, id-Deċiżjoni 2011/278 ġiet implementata b'mod partikolari fil-ligi fuq l-iskambji ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz) tal-21 ta' Lulju 2011 (iktar 'il quddiem it-"TEHG"). L-Artikolu 9(5) tat-TEHG jinkludi klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi li tipprevedi dan li ġej:

"Jekk l-allokazzjoni ta' kwoti […] toħloq diffikultajiet eċċessivi għall-operatur tal-installazzjoni u għal impriża relatata li, għal raġunijiet marbuta mad-dritt kummerċjali u mad-dritt tal-kumpanniji, għandha twieġeb personalment għar-riskji ekonomiċi tal-imsemmi operatur, l-awtorità kompetenti għandha talloka, fuq talba tal-operatur, kwoti addizzjonali fil-kwantità neċessarja għal kumpens ġust, bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni Ewropea ma tirrifjutax din l-allokazzjoni abbażi tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE".

II – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

14. L-appellanti huma erba' impriżi Ġermaniżi li joperaw installazzjonijiet li, mill-1 ta' Jannar 2005, ġew suġġetti għall-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Huma lkoll talbu lill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti sabiex jallokawlhom kwoti mingħajr ħlas għall-installazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari abbażi tal-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, prevista fl-Artikolu 9(5) tat-TEHG.

12 — Ara, ukoll, l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 130, p. 1, iktar 'il quddiem "id-Deċiżjoni 2011/278).

13 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

14 — Ara l-premessa 4 u l-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278.

15 — Ara l-premessa 12 tad-Deċiżjoni 2011/278.

15. Fis-7 ta' Mejju 2012, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat lill-Kummissjoni l-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 li jinsabu fit-territorju tagħha, kif ukoll il-kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas għal kull installazzjoni fit-territorju tagħha. Għall-installazzjoni tal-appellanti, dan l-Istat Membru kkalkola l-kwantità provviżorja ta' kwoti ta' emissjonijiet li kellhom jiġu allokati mingħajr ħlas b'mod partikolari billi japplika l-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, prevista fl-Artikolu 9(5) tat-TEHG. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din il-klawżola, l-awtorità Ġermaniża kompetenti kkonstatat li l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas abbażi biss tar-regoli ta' allokazzjoni armonizzati fil-livell tal-Unjoni twassal għal riskju ta' imblokk ekonomiku għall-appellanti.

16. Fil-5 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni, li permezz tagħha hija ċaħdet ir-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet tal-appellanti fil-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 kif ukoll il-kwantitajiet annwali totali provviżorji tal-kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għal dawn l-installazzjonijiet.

17. Fil-premessa 11 tad-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni mmotivat din iċ-ċaħda bil-mod kif ġej:

"Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja pproponiet li seba' installazzjonijiet għandhom jirċievu żieda fil-livell ta' allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet minħabba li tikkunsidra li dan jevita diffikultajiet eċċessivi. B'konformità mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-ammonti provviżorji ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas li għandhom jitressqu bħala parti mill-[miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali] jiġu kkalkulati skont ir-regoli armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Id-deċiżjoni 2011/278 ma tipprevedix l-aġġustament li tixtieq tagħmel il-Ġermanja abbażi tal-Artikolu 9(5) [tat-TEHG]. Filwaqt li sal-2012, l-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet kienet organizzata fuq bażi nazzjonali, mill-2013 'il quddiem, il-leġiżlatur, b'mod intenzjonat, stabbilixxa r-regoli kompletament armonizzati, biex l-installazzjonijiet kollha jiġu ttrattati bl-istess mod. Kull bidla unilaterali fl-ammonti provviżorji tal-allokazzjonijiet mingħajr ħlas, ikkalkulati mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni 2011/278/UE, iddgħajjef dan l-approċċ armonizzat. Il-Ġermanja ma ġabitx provi li l-allokazzjoni għall-installazzjonijiet ikkonċernati kkalkulata skont id-Deċiżjoni 2011/278/UE kienet b'mod ċar mhux xierqa meta jitqies l-għan li jrid jinkiseb tal-armonizzazzjoni sħiħa tal-allokazzjonijiet. Il-fatt tal-allokazzjoni minn qabel ta' kwoti mingħajr ħlas lil ċerti installazzjonijiet jgħawweġ jew jirriskja li jgħawweġ il-kompetizzjoni u għandu effetti transfruntiera minħabba li s-setturi kollha koperti mid-Direttiva 2003/87/KE jipparteċipaw fi skambji fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Inkwantu għall-prinċipju tat-trattament ugwali tal-installazzjonijiet rilevanti tal-[iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra] tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li hemm lok sabiex jiġu kkonstatati l-ammonti provviżorji tal-kwoti sabiex jiġu allokati mingħajr ħlas lil ċerti installazzjonijiet li jidhru fil-[miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali] Ġermaniżi u li huma elenkati fil-punt A tal-Anness I."

III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi kkontestati**

18. L-appellanti ppreżentaw rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali u talbu l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni sa fejn din tikkonċerna ċ-ċaħda tar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet tagħhom fil-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87.

19. Fis-26 ta' Settembru 2014, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenzi appellati, li permezz tagħhom hija ċaħdet totalment ir-rikorsi ppreżentati minn Arctic Paper, Raffinerie Heide u Romonta. Mill-banda l-oħra, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors ta' DK Recycling [16] iżda ċaħdet l-motivi ssollevati minnha li jiċħdu l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas ibbażati fuq il-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi [17].

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-konklużjonijiet tal-partijiet**

20. Permezz tar-rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Novembru, fit-2, fit-8 u fid-9 ta' Diċembru 2014, l-appellanti ppreżentaw l-appelli ineżami.

21. Permezz ta' atti separati ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament, fis-27 ta' Novembru 2014, fit-2 ta' Diċembru 2014 u fit-8 ta' Diċembru 2014, DK Recycling, Arctic Paper u Romonta talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tapplika proċedura mħaffa għall-kawżi tagħhom.

22. Permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar 2015 [18], il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għal proċedura mħaffa.

23. Kull waħda mill-appellanti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata li tikkonċerna lilha [19], sabiex tiġġudika l-kawża tagħha fil-mertu u sabiex tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni sa fejn din tikkonċerna lilha; DK Recycling, Arctic Paper u Romonta talbu wkoll b'mod sussidjarju l-annullament tas-sentenza kkontestata u r-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. L-appellanti kollha talbu, finalment, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

24. F'dawn l-erba' kawżi, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

V – **Analiżi**

A – *Osservazzjonijiet preliminari*

25. Insostenn tal-appelli tagħhom, l-appellanti ssollevaw diversi aggravji li fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu. L-appellanti kollha jissollevaw, b'mod partikolari, l-aggravji bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-iskema tal-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas esposta fid-Deċiżjoni 2011/278, kif ukoll l-iżbalji fl-analiżi tan-natura proporzjonata tad-Deċiżjoni 2011/78.

16 — Fis-sentenza DK Recycling und Roheisen (T-630/13, EU:T:2014:833), il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors ta' DK Recycling sa fejn dan kien jipprevedi ċ-ċaħda mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni inkwistjoni tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għall-installazzjonijiet tagħha fuq il-bażi ta' subinstallazzjoni b'emissjonijiet ta' proċess għall-produzzjoni taż-żingu fil-forn tal-blast u l-proċeduri relatati. Din il-parti tas-sentenza ma hijiex suġġetta għall-appell ippreżentat minn DK Recycling fil-Kawża C-540/14.

17 — Dawn huma l-ewwel u t-tieni motiv. Ara, speċifikament, il-punti 39 sa 101 tas-sentenza DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833).

18 — Digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (C-540/14P EU:C:2015:58), Arctic Paper Mochenwangen vs Il-Kummissjoni (C-551/14 P, EU:C:2015:107) u Romonta vs Il-Kummissjoni (C-565/14P, EU:C:2015:56).

19 — DK Recycling titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet il-kumplament tar-rikors tagħha.

26. Il-Kummissjoni madankollu targumenta li l-appelli kollha għandhom jiġu miċħuda għal raġuni li hija tikkwalifika bħala "iktar fundamentali" u li, skont hi, trendi ineffettivi l-argumenti kollha esposti mir-rikorrenti fl-appelli tagħhom. Essenzjalment, il-Kummissjoni ssostni li għall-kuntrarju ta' dak li kkonstatat il-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati, id-Direttiva 2003/87 u b'mod partikolari l-Artikolu 10a tagħha, ma kinitx tippermettilha li tipprevedi fil-miżuri ta' implementazzjoni stabbiliti abbażi ta' din id-dispożizzjoni – jiġifieri fid-Deċiżjoni 2011/278 – l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas abbażi tal-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi.

27. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali, iżda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonferma d-dispożittivi tas-sentenzi appellati. Għalhekk, hija essenzjalment titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipproċedi bis-sostituzzjoni ta' dawn ir-raġunijiet. Peress li din it-talba tal-Kummissjoni hija ta' natura preliminari fit-trattazzjoni tal-argumenti mqajma fl-appelli kollha, hemm lok li din tiġi analizzata l-ewwel.

B – *Fuq l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li tintroduċi klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278*

1. Is-sentenzi appellati

28. Fis-sentenzi appellati kollha, fil-kuntest tal-analiżi tal-aggravji u tal-argumentazzjonijiet tal-appellanti bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali mid-Deċiżjoni 2011/278, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod preliminari dan li ġej [20]:

"Għandu jiġi rrilevat li ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipju ta' proporzjonalità dovut għall-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fir-regoli għall-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas stabbiliti mid-Deċiżjoni 2011/278 ma jistax jiġi eskluż mill-bidu nett, billi l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, li jikkostitwixxi l-bażi legali ta' din id-deċiżjoni, ma jeskludix l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas mill-Kummissjoni abbażi ta' tali klawżola. Fil-fatt, l-ewwel nett, skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 10a(1), il-Kummissjoni kienet obbligata tadotta miżuri ta' implementazzjoni totalment armonizzati fuq il-livell tal-Unjoni dwar l-allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas li kellhom jitfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2003/87 billi jissupplimentawha. L-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi li tkun applikabbli għall-Istati Membri kollha kienet tissodisfa r-rekwiżit tal-armonizzazzjoni totali fuq il-livell tal-Unjoni ta' dawn il-miżuri ta' implementazzjoni. Barra minn hekk, minħabba li tali klawżola kienet tikkonċerna biss każijiet eċċezzjonali u, konsegwentement, ma kellhix tikkontesta l-iskema stabbilita bid-Direttiva 2003/87, hija ma kellhix l-għan li timmodifika l-elementi essenzjali ta' din id-Direttiva. It-tieni nett, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a(1), il-Kummissjoni kienet obbligata tiddetermina, sa fejn kien possibbli, punti ta' riferiment ex ante. Fil-każijiet fejn ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat punt ta' riferiment ta' prodott, iżda fejn kienu ġġenerati emissjonijiet ta' gassijiet serra li jistgħu jagħtu lok għall-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, il-Kummissjoni kellha setgħa diskrezzjonali sabiex tistabbilixxi regoli, ħaġa li għamlet billi stabbilixxiet ġerarkija ta' tliet fakultajiet ta' rimedju. Għalhekk fil-kuntest ta' din is-setgħa diskrezzjonali, il-Kummissjoni, bħala prinċipju, setgħet ukoll tipprovdi għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas abbażi ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi."

20 — Ara s-sentenzi DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830, punt 50), Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828, punt 49), Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835, punt 53) kif ukoll Raffinerie Heide GmbH vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830, punt 51).

2. L-argumenti tal-partijiet

29. Il-Kummissjoni tikkontesta din l-analiżi tal-Qorti Ġenerali u ssostni li d-Direttiva 2003/87 ma tagħtiha ebda setgħa diskrezzjonali sabiex tintroduċi klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278.

30. L-ewwel nett, kuntrarjament għall-perspettiva tal-Qorti Ġenerali, l-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, meta juża l-espressjonijiet "safejn ikun fattibbli" jew "fil-prinċipju" jipprovdi biss lill-Kummissjoni l-latitudni dwar l-approċċ regolatorju għal setturi jew subsetturi differenti, li tippermettilha li, jekk ikun meħtieġ, tistabbilixxi punti ta' riferiment, mhux għall-prodotti, iżda skont kriterji oħra, kif sar fid-Deċiżjoni 2011/278 li stabbilixxiet il-punti ta' riferiment għas-sħana u l-fjuwils u l-kriterju għall-emissjonijiet minn proċessi.

31. It-tieni nett, ir-rekwiżit, indikat fil-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29, li jipprovdi li r-regoli ta' allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għandhom jiġu adottati abbażi ta' approċċ settorjali speċifiku u għandhom ikunu "kompletament armonizzati mal-Komunità kollha" sabiex jitnaqqsu għal minimu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiġi evitat li jkun inkoraġġit kull tkabbir tal-emissjonijiet, jikkostitwixxi aspett essenzjali tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87. Regola li tawtorizza l-allokazzjoni lil installazzjoni ta' iktar kwoti minn installazzjoni oħra totalment komparabbli, minbarra l-fatt li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli twassal, lil din tal-aħħar, għal "diffikultajiet finanzjarji eċċessivi", ma hijiex konformi ma' dan ir-rekwiżit u tibdel l-aspetti essenzjali tal-att ta' bażi, jiġifieri d-Direttiva 2003/87.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont il-Kummissjoni, peress li l-appellanti ma sostnewx l-illegalità tad-Direttiva 2003/87, l-argumentazzjonijiet tagħhom huma ineffettivi u din il-konstatazzjoni, waħidha, hija biżżejjed sabiex jiġu miċħuda l-appelli kollha.

33. Fir-repliki tagħhom, DK Recycling, Arctic Paper u Romonta isostnu li l-Qorti Ġenerali għamlet żball meta ddeċidiet li d-Direttiva 2003/87 ma tipprekludix l-inklużjoni mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2011/278 ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi. B'mod partikolari, Ramonta ssostni li la l-approċċ settorjali adottat minn din id-direttiva u lanqas ir-rekwiżit ta' allokazzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni ma jiġġustifikaw interpretazzjoni fis-sens li l-Kummissjoni ma setgħetx tinkludi tali klawżola fid-Deċiżjoni 2011/278. Fl-aħħar nett, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra l-analiżi tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward bħala żbaljata, DK Recycling u Arctic Paper jinvokaw, b'mod sussidjarju, l-inkompatibbiltà tad-Direttiva 2003/87 mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta") u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

3. Evalwazzjoni ġuridika

a) Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għas-sostituzzjoni tal-motivi tal-Kummissjoni

34. L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex talba għas-sostituzzjoni ta' motivi tkun ammissibbli, din teħtieġ li jkun hemm interess ġuridiku, fis-sens li din it-talba għandha tkun tista', permezz tal-eżitu tagħha, tagħti vantaġġ lill-parti li tkun ressqitha. Dan jista' jkun il-każ meta t-talba għal sostituzzjoni ta' motivi tikkostitwixxi difiża kontra motiv imressaq mir-rikorrent [21].

21 — Sentenzi Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 42) u Iride vs Il-Kummissjoni (C-329/09 P, EU:C:2011:859, punti 48 sa 51).

35. F'din il-kawża, it-talba għas-sostituzzjoni ta' motivi hija maħsuba sabiex jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Qorti Ġenerali għamlet żball fid-dritt meta ddeċidiet, skont it-termini tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, li l-Kummissjoni kienet awtorizzata tintroduċi fid-Deċiżjoni 2011/78 regola ta' allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għal każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi. Issa, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' din it-talba, l-aggravji kollha tal-appellanti li għandhom l-għan li jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma ċċensuratx l-assenza ta' tali regola fid-Deċiżjoni 2011/78, isiru ineffettivi. Fil-fatt, kieku l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, ma awtorizzax lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi tali regola fid-deċiżjoni msemmija, ir-rikorrenti ma kinux ikunu jistgħu jikkritikaw lill-Kummissjoni li ma inkludithiex u konsegwentement lanqas lill-Qorti Ġenerali li ma laqgħetx l-aggravji tagħhom ibbażati fuq ksur tad-dritt tal-assenza ta' tali klawżola fid-Deċiżjoni 2011/278.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn it-talba għas-sostituzzjoni tal-motivi tal-Kummissjoni għandha impatt fuq diversi aggravji ssollevati fl-appelli, din għandha, fl-opinjoni tiegħi, titqies ammissibbli.

b) Fuq il-mertu

i) Ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza dwar id-determinazzjoni tan-natura essenzjali u mhux essenzjali tal-elementi ta' att ta' bażi

37. Sabiex jiġu evalwati l-argumenti ssollevati mill-Kummissjoni fit-talba tagħha għas-sostituzzjoni ta' motivi, għandhom, qabelxejn, jitfakkru fil-qosor il-prinċipji żviluppati mill-ġurisprudenza dwar id-determinazzjoni tan-natura essenzjali tal-elementi ta' att ta' awtorizzazzjoni.

38. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-adozzjoni tar-regoli essenzjali ta' suġġett hija rriżervata għall-kompetenza tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Dawn ir-regoli għandhom jiġu adottati fil-leġiżlazzjoni ta' bażi u ma jistgħux jiġu ddelegati [22].

39. Fis-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:516), li kienet dwar dispożizzjoni ta' awtorizzazzjoni li ġiet redatta f'termini simili ħafna għall-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 [23] u li hija wkoll kienet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dispożizzjonijiet li l-adozzjoni tagħhom tirrikjedi għażliet politiċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet proprji tal-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistgħux ikunu suġġetti għal delegazzjoni. Minn dan jirriżulta li l-miżuri ta' implementazzjoni la jistgħu jbiddlu elementi essenzjali ta' leġiżlazzjoni ta' bażi u lanqas jikkompletaw lil din permezz ta' elementi essenzjali ġodda [24].

40. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja irrilevat ukoll li l-kwistjoni dwar liema huma l-elementi ta' suġġett li għandhom jiġu kklassifikati bħala essenzjali għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju u li, f'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi u l-partikolaritajiet tad-dominju kkonċernat [25].

22 — Sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:516, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Jiġifieri, l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 296/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2008 (ĠU L 97, p.60).

24 — Sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:516, punti 65 u 66); ara wkoll, iktar riċenti, is-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-363/14, EU:C:2015:579, punt 46).

25 — Sentenzi Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:516, punti 67 u 68) kif ukoll Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-363/14, EU:C:2015:579, punt 47).

41. Fil-konklużjonijiet tiegħi dwar l-istess kawża, Il-Parlament vs Il-Kunsill (EU:C:2012:207), irrilevajt li jirriżulta mill-analiżi tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [26] li d-determinazzjoni tan-natura essenzjali jew mhux essenzjali tal-elementi tal-leġiżlazzjoni ta' bażi introdotti jew immodifikati permezz tal-att ta' implementazzjoni għandu jirriżulta minn evalwazzjoni li tkun saret fid-dawl ta' serje sħiħa ta' elementi. Dawn l-elementi jinkludu l-karatteristiċi tal-politika kkonċernata, il-kamp ta' azzjoni iktar jew inqas wiesa' rrikonoxxut lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' din il-politika, il-kontenut tad-dispożizzjoni ta' awtorizzazzjoni, il-kontenut u l-għanijiet finali tal-att ta' bażi, kif ukoll l-istruttura ġenerali tiegħu [27].

42. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-limiti tas-setgħa ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu evalwati, partikolarment, fid-dawl tal-funzjoni tal-għanijiet ġenerali essenzjali tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni [28].

ii) Fuq ir-rekwiżit taż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fil-kuntest tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u, speċifikament, ir-regoli tranżitorji dwar l-allokazzjoni mingħajr ħlas.

43. Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit tat-tnaqqis għall-minimu tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi element essenzjali tad-dispożizzjoni li tagħtiha s-setgħa li tadotta r-regoli tranżitorji għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas, jiġifieri l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87.

44. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, jekk l-għan prinċipali ddikjarat tad-Direttiva 2003/87 huwa li jnaqqas, b'mod sostanzjali, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sabiex jiġu osservati l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri fid-dawl tal-Protokoll ta' Kjoto, dan l-għan għandu madankollu jintlaħaq fl-osservanza ta' serje ta' għanijiet sussidjarji u permezz tal-użu ta' ċerti strumenti, li prinċipali fosthom hemm l-iskema tal-Unjoni tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra [29]. L-għanijiet sussidjarji l-oħra li għalihom għandha tirrispondi l-iskema msemmija huma, b'mod partikolari, hekk kif inhu espost fil-premessi 5 u 7 ta' din id-direttiva, iż-żamma tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjiegi kif ukoll dik tal-integrità tas-suq intern u tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni [30].

45. Minn din il-ġurisprudenza għalhekk jirriżulta li ż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern tikkostitwixxi għan sussidjarju tad-Direttiva 2003/87 li miegħu għandha tikkonforma l-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-għan prinċipali tan-natura ambjentali ta' din l-iskema għandu jitfittex fl-osservanza, fost l-oħrajn, ta' dan l-għan sussidjarju speċifiku.

46. Il-portata essenzjali tar-rekwiżit taż-żamma tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern fil-kuntest tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, bħal dak stabbilit mid-Direttiva 2003/87 u emendat bid-Direttiva 2009/29, tirriżulta fi kwalunkwe każ mill-fatt li dan l-għan sussidjarju huwa msemmi għal diversi drabi fil-premessi ta' dawn id-direttivi.

26 — Ara l-analiżi tal-ġurisprudenza li għamilt fil-punti 26 sa 28 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:207).

27 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:207, punt 29).

28 — Ara s-sentenza Il-Parlament vs Il-Kummissjoni (C-65/13, EU:C:2014:2289, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-504/09 P, EU:C:2012:178, punt 77), Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-505/09 P, EU:C:2012:179, punt 79), kif ukoll Iberdrola *et* (C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11 u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 43).

30 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-504/09 P, EU:C:2012:178, punt 77); Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-505/09 P, EU:C:2012:179, punt 79), kif ukoll Iberdrola *et* (C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11 u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 43).

47. Fil-fatt, minn naħa, il-premessa 7 tad-Direttiva 2003/87 issemmi b'mod dirett ir-rekwiżit li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar l-allokazzjoni ta' kwoti. Min-naħa l-oħra, in-neċessità li jiġi osservat l-għan sussidjarju hija invokata fid-Direttiva 2009/29 kemm bħala rekwiżit ta' natura ġenerali [31], kif ukoll bħala r-raġuni ta' ħtieġa ta' ċerti regoli speċifiċi [32].

48. Fir-rigward speċifikament tar-regoli tranżitorji dwar l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas, inkwistjoni f'dawn il-kawżi, il-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29 tipprovdi b'mod ċar li, sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit tat-tnaqqis għall-minimu tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, l-allokazzjoni tal-kwoti msemmija għandha titwettaq skont ir-regoli armonizzati fil-livell tal-Unjoni permezz tad-determinazzjoni ta' "punti ta' riferiment ex ante".

49. In-neċessità tal-osservanza ta' dan ir-rekwiżit hija riflessa fl-approċċ segwit mil-leġiżlatur fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87. Din id-dispożizzjoni tawtorizza lill-Kummissjoni tadotta miżuri ta' implementazzjoni totalment armonizzati fil-livell tal-Unjoni dwar l-allokazzjoni armonizzata tal-kwoti mingħajr ħlas u tipprovdi l-kriterji li għandha tikkonforma magħhom il-Kummissjoni fl-adozzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni.

50. B'mod iktar speċifiku, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a(1) jipprevedi li dawn il-miżuri ta' implementazzjoni għandhom jiddeterminaw, sa fejn possibbli, il-punti ta' riferiment *ex ante* għall-Unjoni. Dawn il-punti ta' riferiment *ex ante* jirrappreżentaw ċertu ammont ta' emissjonijiet ta' CO2 li l-Kummissjoni tirrikonoxxi bħala neċessarju għall-produzzjoni ta' ċerta kwantità tal-prodott ikkonċernat [33]. Punt ta' riferiment huwa utli sabiex jiġi kkalkolat in-numru ta' kwoti allokati mingħajr ħlas għal kull installazzjoni ta' settur jew subsettur filwaqt li jiġi mmultiplikat mil-livell ta' attività storika tal-installazzjoni relatat mal-prodott korrispondenti [34], suġġett għall-applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni uniformi transsettorjali previst fl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87 [35]. Għalhekk, dawn il-punti ta' riferiment jippreżentaw parametri oġġettivi li huma utli sabiex jiġi determinat in-numru tal-kwoti allokati mingħajr ħlas għal kull installazzjoni.

51. Ir-raba' subparagrafu tal-istess Artikolu 10a(1) jipprovdi lill-Kummissjoni indikazzjonijiet supplimentari dwar id-determinazzjoni tal-punti ta' riferiment *ex ante*. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li, għal kull settur u subsettur, il-punt ta' riferiment għandu jiġi kkalkolat għall-prodotti iktar milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kisbiet ta' effiċjenza enerġetika matul il-proċess kollu ta' produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat.

31 — Il-premessa 8 tad-Direttiva 2009/29 issemmi l-għan li "tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern" bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-iskema l-ġdida ta' skambju implementata minn din id-direttiva. F'dan ir-rigward, ara, ukoll, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-504/09 P, EU:C:2012:178, punt 82).

32 — Għalhekk, il-premessa 15 tad-Direttiva 2009/29 issemmi n-neċessità li jiġu ggarantiti il-"kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni komparabbli" għal dawk li jidħlu ġodda bħala rekwiżit fundamentali tas-sistema tal-irkantar introdotta minn din id-direttiva. L-istess rekwiżit huwa diskuss fil-premessa 16 ta' din id-Direttiva f'dak li jirrigwarda l-bżonn tal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar dawk li jidħlu ġodda. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2009/29 issemmi l-għan tal-eliminazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni intra-Komunitarja bħala waħda mir-raġunijiet għaliex is-setturi ekonomiċi ma għandhomx jingħataw trattament differenti skont l-Istat Membru. Il-premessa 19 issemmi wkoll dan l-għan b'relazzjoni mar-regoli applikabbli għall-produtturi tal-elettriku. Il-premessa 28 issemmi għal darb'oħra dan l-għan b'relazzjoni mar-rekwiżit tal-armonizzazzjoni tal-użu tal-krediti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-emissjonijiet li jkunu saru barra mill-Unjoni. Fl-istess perspettiva, jista' jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kien l-għan tal-protezzjoni tal-iskema tal-iskambju tal-kwoti mid-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li wassal lil-leġiżlatur sabiex jagħmel emenda ddefinita minn qabel dwar l-emissjonijiet eċċessivi skont it-termini tal-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87. Ara s-sentenza Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 27).

33 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Borealis Polyolefine, OMV Refining & Marketing, DOW Benelux *et* u Esso Italiana et (C-191/14, C-192/14, C-295/14 u C-389/14, EU:C:2015:754, punt 40).

34 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278. Kif jirriżulta wkoll mill-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet, fil-każ fejn ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat punt ta' riferiment ta' prodott, il-Kummissjoni kkalkolat punti ta' riferiment tas-sħana u tal-fjuwils li huma mmultiplikati mill-attività storika, marbuta rispettivament mas-sħana mkejla jew mal-fjuwil ikkonsmat. F'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet tal-proċess, ara l-Artikolu 10(2)(b)(iii) tad-Deċiżjoni 2011/278.

35 — Ara l-Artikoli 10(9) u 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278.

Għalhekk, din id-dispożizzjoni tipprevedi, minn naħa, li l-punti ta' riferiment *ex ante* għandhom ikunu ddeterminati *għal kull settur u subsettur*, għalhekk skont approċċ li wieħed jista' jiddefinixxi, bħall-Kummissjoni, bħala "approċċ settorjali", u min-naħa oħra, li fil-prinċipju il-punti ta' riferiment għandhom jiġu ddeterminati għal kull prodott u mhux għal-inputs.

52. Ir-rekwiżit tal-adozzjoni ta' approċċ settorjali għad-determinazzjoni ta' punti ta' riferiment *ex ante* [36] huwa fi kwalunkwe każ ikkonfermat mill-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a(1) ta' din id-direttiva li jipprevedi obbligu, għall-Kummissjoni, ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, inklużi s-setturi u s-subsetturi kkonċernati, għad-definizzjoni tal-prinċipji li għandhom jiġu applikati sabiex jiġu ddeterminati l-punti ta' riferiment *ex ante* li għandhom jintużaw *fis-setturi u s-subsetturi differenti*. Bl-istess mod, it-tieni paragrafu tal-istess Artikolu 10a(2) jirreferi b'mod espliċitu għal "punti ta' riferiment *ex ante* li għandhom jiġu użati fis-setturi u s-subsetturi differenti".

iii) Fuq id-determinazzjoni tal-punti ta' riferiment *ex ante* wara approċċ settorjali bħala espressjoni tal-għan sussidjarju taż-żamma tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni

53. L-approċċ armonizzat magħżul mil-leġiżlatur fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, li jipprovdi li n-numru ta' kwoti allokati mingħajr ħlas jiġi kkalkolat billi jintużaw punti ta' riferiment *ex ante* fuq bażi settorjali, huwa espressjoni tar-rekwiżit, prevista b'mod espliċitu fil-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29, li jitnaqqsu għal minimu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-attribuzzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas [37].

54. Fil-fatt, id-determinazzjoni tal-punti ta' riferiment *ex ante* fuq bażi settorjali, għandha l-għan li tibbaża l-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas fuq il-parametri oġġettivi li japplikaw mingħajr distinzjoni u b'mod ekwivalenti għall-installazzjonijiet immexxija mill-operaturi attivi f'settur jew subsettur determinat. B'dan il-mod, id-Direttiva 2003/87, filwaqt li tipprevedi li l-installazzjonijiet kollha tas-settur jew tas-subsettur kkonċernat jiġu suġġetti għall-istess parametri oġġettivi, tiggarantixxi li l-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas ikollha impatt kemm jista' jkun limitat fuq il-kompetizzjoni. Tali approċċ huwa fi kwalunkwe każ koerenti mal-karatterizzazzjoni tal-iskema tal-iskambju ta' kwoti bħala sistema tal-ekonomija tas-suq [38].

55. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2003/87 tuża diversi drabi approċċ settorjali bħala espressjoni tar-rekwiżit li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, b'tali mod li kważi jista' jiġi affermat li dan l-approċċ jikkaratterizza kull kostruzzjoni tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra [39]. Għalhekk, unikament bħala eżempju, fid-dispożizzjonijiet speċjali inklużi fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 sabiex jitnaqqas ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet

36 — Ara, ukoll, f'dan ir-rigward, is-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-370/11, EU:T:2013:113. punt 85).

37 — F'dan ir-rigward, huwa interessanti li jiġi rrilevat li jirriżulta mir-Rapport tal-Kumitat tal-Ambjent, is-saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87 sabiex titjieb u tiġi estiża l-iskema Komunitarja tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra [COM(2008)16 finali – COD 2008/0013], li, matul il-proċedura leġiżlattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2009/29, kien previst li tinkiteb kemm il-premessa 23 ta' din id-direttiva kif ukoll l-Artikolu 10a li jiġu mdaħħla fid-Direttiva 2003/87 bħala li jirreferu għall-punti ta' riferiment stabbiliti minn qabel "għal kull settur" (ara, pereżempju, l-emenda 14, p. 18 u 19, l-emenda 48, p. 48 u 49, u l-emenda 33, p. 113 u 114, tar-Rapport).

38 — Ara l-premessa 5 tad-Direttiva 2003/87.

39 — F'dan ir-rigward, jidhirli li l-argument invokat minn Romonta fir-replika tagħha li ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2011/278 ma humiex kompatibbli mal-approċċ settorjali msemmi hawn fuq ma huwiex rilevanti. B'mod partikolari, Romonta tirreferi għat-tliet għażliet ta' replika ddefiniti fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2011/278, għad-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(c), u għal dik tal-Artikolu 10(3) ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkontestaw l-approċċ settorjali adottat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2011/278, konformement mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87.

tal-karbonju, il-leġiżlatur adotta approċċ fuq bażi settorjali [40]. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2009/29 tiddiskuti wkoll tali approċċ, fir-rigward tal-"għan tal-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni intrakomunitarja" meta tipprevedi li mhux għaqli li *s-setturi ekonomiċi* jingħataw trattament differenti skont l-Istat Membru [41].

56. Issa, fil-kuntest ta' approċċ ibbażat fuq id-determinazzjoni ta' parametri oġġettivi stabbiliti minn qabel applikati mingħajr distinzjoni għall-installazzjonijiet kollha tas-settur ikkonċernat, il-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet partikolari tal-installazzjonijiet individwali ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, tkun kontradizzjoni manifesta mal-għażla ta' tali approċċ jekk l-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas tkun tista' tiġi influwenzata minn sitwazzjoni speċifika ta' installazzjoni individwali. F'każ simili, ir-rekwiżit ta' trattament oġġettiv u ekwivalenti ta' installazzjonijiet differenti, imsemmi fil-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jkunx jista' jiġi ggarantit u, konsegwentement, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

iv) Fuq il-possibbiltà li tiġi introdotta klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278

57. Il-kunsiderazzjonijiet kollha premessi jwassluni sabiex nagħmel għadd ta' konklużjonijiet rigward il-kwistjoni ssollevata fit-talba tal-Kummissjoni għas-sostituzzjoni tal-motivi, jiġifieri dik tal-eżistenza eventwali ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni sabiex tintroduċi klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278.

– Fuq ir-rekwiżit taż-żamma tal-kompetizzjoni bħala element essenzjali tad-Direttiva 2003/87

58. L-ewwel nett, mill-premessi 44 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta li r-rekwiżit li skontu għandha tiġi stabbilita l-iskema tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jinżammu l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, jikkostitwixxi għan sussidjarju espliċitu tad-Direttiva 2003/87. In-neċessità li l-iskema ta' skambju ta' kwoti tosserva tali rekwiżit għalhekk tirriżulta neċessarjament minn għażla politika tal-leġiżlatur tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 40 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu jiġi kkunsidrat li dan ir-rekwiżit jikkostitwixxi element essenzjali tad-Direttiva 2003/87 li ma jistax jiġi mmodifikat mill-miżuri ta' implementazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

59. Barra minn hekk, mill-punti 48 sa 52 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li r-rekwiżit li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jikkaratterizza b'mod speċifiku u espliċitu r-regoli tranżitorji li jikkonċernaw l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas previsti fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 u li dan ir-rekwiżit huwa rifless fl-għażla tal-leġiżlatur li jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina, fil-miżuri ta' implementazzjoni li jistabbilixxu dawn ir-regoli, punti ta' riferiment *ex ante* abbażi ta' approċċ settorjali.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx tadotta fil-miżuri ta' implementazzjoni previsti fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 regoli dwar l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas li jmorru kontra dan ir-rekwiżit mingħajr ma taqbeż il-limiti tas-setgħa ta' implementazzjoni tagħha u mingħajr ma tikser id-dispożizzjoni ta' awtorizzazzjoni.

40 — Ara l-Artikoli 10a(6) u (12) tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE, tal-24 ta' Diċembru 2009, li tistabbilixxi b'konformità mad-Direttiva 2003/87, il-lista tas-setturi u tas-setturi sussidjarji meqjusa bħala esposti għar-riskju importanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (ĠU 2010, L 1, p. 10). Ara wkoll il-punti 82 u 83 tas-sentenza DK Recycling und Roheinsen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830).

41 — Enfasi miżjuda minni. Ara, fir-rigward ta' din il-premessa, is-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-370/11, EU:T:2013:113, punt 42).

61. F'dan ir-rigward, għandi nirrileva wkoll il-fatt li nqis żbaljat l-argument tal-Qorti Ġenerali li, sa fejn dispożizzjoni jew miżura ta' implementazzjoni tikkonċerna biss każijiet eċċezzjonali, din ma tistax timmodifika l-elementi essenzjali tal-att ta' awtorizzazzjoni [42]. Fil-fatt, anki dispożizzjoni li tapplika għal każijiet eċċezzjonali biss tista' tmiss l-istruttura ġenerali tal-att ta' awtorizzazzjoni [43] u tkun kompatibbli mal-għanijiet essenzjali ta' dan l-att li jirriżulta minn għażla politika tal-leġiżlatur [44].

– Fuq l-inkompatibbiltà ta' klawżola dwar każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi mal-għan sussidjarju taż-żamma tal-kompetizzjoni

62. It-tieni nett, huwa stabbilit li l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, ikollha bħala konsegwenza l-allokazzjoni ta' kwoti supplimentari mingħajr ħlas biss għal ċerti installazzjonijiet fil-kuntest ta' settur jew subsettur determinat [45]. L-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas ibbażata fuq tali klawżola ma sseħħx abbażi ta' parametri oġġettivi stabbiliti minn qabel skont approċċ settorjali applikabbli għall-installazzjonijiet kollha tas-settur, iżda ssir minħabba ċirkustanzi individwali proprji tal-operat ta' ċertu installazzjoni, jiġifieri speċifikament minħabba diffikultajiet finanzjarji ta' din tal-aħħar. Kif argumentat il-Kummissjoni, tali klawżola għalhekk tawtorizza l-allokazzjoni ta' iktar kwoti lil installazzjoni minn installazzjoni oħra għalkemm iż-żewġ installazzjonijiet jimmanifatturaw l-istess prodott u huma komparabbli minn kull aspett. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li tali allokazzjoni twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

63. Regola ta' dan il-ġeneru ssegwi approċċ individwali kuntrarju għall-approċċ imsemmi hawn fuq li, kif irrilevajt fil-punti 53 sa 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, jikkostitwixxi l-espressjoni tar-rekwiżit taż-żamma tal-kompetizzjoni. Tali regola konsegwentement tkun inkompatibbli mal-għan sussidjarju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni li jikkostitwixxi element essenzjali tad-Direttiva 2003/87, b'mod ġenerali, u tar-regoli dwar l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas kif previsti mill-Artikolu 10a ta' din id-direttiva, b'mod partikolari.

64. F'dan ir-rigward, hemm ukoll lok li jiġi miċħud l-argument imressaq minn Romonta fir-replika tagħha li tali klawżola ma tinvolvix diskriminazzjoni li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni minħabba li, fl-Ewropa kollha, kull min wera li ssodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-Kummissjoni seta' jinvokaha. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni hija rrealizzata f'suq speċifikat u mhux fuq bażi intersettorjali. Għalhekk, trattament differenti fl-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas lil installazzjonijiet komparabbli li jimmanifatturaw l-istess prodott u li joperaw fl-istess suq iwassal neċessarjament għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni.

65. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma hijiex inkompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva 2003/87 [46]. Il-fatt, enfasizzat mill-Qorti Ġenerali, li tali klawżola eventwalment jista' jkollha l-għan li tilħaq għan sussidjarju ieħor tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri dak tal-protezzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjiegi, ma jneħħi xejn mill-fatt li minħabba li hija inkompatibbli mal-għan sussidjarju essenzjali tad-Direttiva 2003/87, tali klawżola ma tistax tiġi inkluża fil-miżuri ta' implementazzjoni ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, xieraq li jiġi rrilevat li l-Qorti

42 — Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-417/93, EU:C:1995:127 punti 30 sa 33), kif ukoll il-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:207).

44 — Ara l-punti 38sa 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 78 tas-sentenza DK Recycling und Roheinsen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833).

46 — Ara s-sentenzi DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830, punt 77), Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828, punt 76), Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835, punt 80) u Raffinerie Heide GmbH vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830, punt 79).

Ġenerali stess enfasizzat fis-sentenzi appellati l-fatt li l-leġiżlatur ħoloq regoli oħra speċjali sabiex l-istabbiliment tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jikkawża l-inqas dannu possibbli għall-iżvilupp ekonomiku u għall-impjiegi, mingħajr ma dawn ir-regoli, li jsegwu l-approċċ settorjali msemmi hawn fuq, jagħtu lok għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni [47].

– Fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni

66. It-tielet nett, neċessarjament jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet premessi li l-marġni ta' diskrezzjoni li l-Artikolu 10a (1) tad-Direttiva 2003/78 jattribwixxi lill-Kummissjoni, ma setgħetx tiġi estiża sabiex tippermettilha, billi tintroduċi fid-Deċiżjoni 2011/278 klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, li jiġu adottati regoli li jiksru wieħed mill-għanijiet sussidjarji tad-Direttiva u element essenzjali tad-dispożizzjoni ta' awtorizzazzjoni.

67. Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati, hija kkonfermata fis-subparagrafi 3 u 4 ta' din id-dispożizzjoni, li ċertament jattribwixxu ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni fl-istabbiliment tar-regoli dwar l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas.

68. Madankollu, minħabba li s-subparagrafu 3 tal-Artikolu 10a ta' din id-direttiva jiddisponi li l-miżuri ta' implementazzjoni jiddeterminaw "safejn ikun possibbli" il-punti ta' riferiment *ex ante*, dan għandu jitqies bħala li jagħti marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina kriterji oħra esklużivament fil-każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġu ddeterminati tali punti ta' riferiment (fuq bażi settorjali). Din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tattribwixxi lill-Kummissjoni marġni ta' diskrezzjoni ġenerali u ġenerika fid-determinazzjoni tar-regoli għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas. Bl-istess mod, ebda attribuzzjoni ta' setgħa ta' dan il-ġeneru ma tista' tiġi dedotta mill-użu tal-espressjoni "fil-prinċipju" tas-subparagrafu 4 tal-Artikolu 10a(1) ta' din id-direttiva.

– Fuq l-inkompatibbiltà ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas

69. Fl-aħħar nett, b'mod sussidjarju, nixtieq nenfasizza dak li jidhirli li huwa kontradizzjoni mal-argumentazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Fis-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-opinjoni tiegħi ġustament, li l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas [48].

70. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-bażi legali tad-Direttiva 2003/87 hija l-Artikolu 175(1) KE (li wara l-emendi sar l-Artikolu 192 TFUE). Skont din id-dispożizzjoni, il-Kunsill kien awtorizzat li jiddeċiedi dwar l-azzjonijiet li għandha tieħu l-Kummissjoni bil-għan li tilħaq l-għanijiet tal-Artikolu 174 KE (li wara l-emendi sar l-Artikolu 191 TFUE). Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 191(2), il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent hija bbażata, *inter alia*, fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

47 — Sentenzi DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833, punti 81 u sussegwenti); Arctic Paper Mochenwangen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828, punti 80 u sussegwenti); Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835, punti 83 u sussegwenti), kif ukoll Raffinerie Heide vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830, punti 82 u sussegwenti).

48 — Sentenzi DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833, punt 78); Arctic Paper Mochenwangen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828, punt 77); Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835, punt 81), u Raffinerie Heide vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830, punt 80).

71. Issa, jekk l-att ta' awtorizzazzjoni, jiġifieri d-Direttiva 2003/87, bħala att ibbażat fuq l-Artikolu 175(1) KE, ma setax jinkludi dispożizzjonijiet inkompatibbli mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, *a fortiori* il-miżuri ta' implementazzjoni ta' din id-direttiva ma setgħux jinkludu tali dispożizzjonijiet. Minn dan isegwi li, peress li kkonstatat li l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdi tali klawżola fid-Deċiżjoni 2011/7/278.

v) Inammissibbiltà tal-invokazzjoni tal-illegalità tad-Direttiva 2003/87

72. Fir-repliki tagħhom, DK Recycling u Arctic Paper jargumentaw b'mod sussidjarju, l-illegalità tad-Direttiva 2003/87. Huma jargumentaw li din id-direttiva hija inkompatibbli mal-Karta u tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li dan l-aggravju jikkostitwixxi motiv ġdid li ma kienx sollevat quddiem il-Qorti Ġenerali u li konsegwentement jemenda s-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan huwa manifestament inammissibbli [49].

vi) Konklużjoni

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba għas-sostituzzjoni tal-motivi tal-Kummissjoni.

74. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ssegwi l-proposta tiegħi u tikkunsidra li d-Direttiva 2003/87 ma tippermettix lill-Kummissjoni tintroduċi klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278, kif jirriżulta mill-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-aggravji tal-appell li għandhom l-għan li jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma ċċensuratx l-assenza ta' tali klawżola fid-Deċiżjoni 2011/78 għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi. Konsegwentement, fl-iżviluppi li se jsegwu, fir-rigward ta' tali aggravji, se nillimita ruħi għal kunsiderazzjonijiet fil-qosor ħafna u fuq bażi sussidjarja għall-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix il-proposta tiegħi.

C – *Fuq l-appelli ta' DK Recycling (Kawża C-540/14 P) u ta' Arctic Paper (Kawża C-551/14)*

75. DK Recycling u Arctic Paper ippreżentaw żewġ appelli kważi identiċi, li fihom huma jissollevaw żewġ aggravji.

1. Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali

76. Fl-ewwel parti, DK Recycling u Arctic Paper jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma kkonstatatx li, fl-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, id-Deċiżjoni 2011/278 ma tiggarantixxix biżżejjed ir-rispett tad-drittijiet fundamentali minħabba li ma tikkunsidrax sitwazzjonijiet fejn l-operaturi ta' installazzjoni għandhom jaffaċċjaw ħlasijiet eċċezzjonali. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [50], il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika r-rispett tad-drittijiet fundamentali każ b'każ filwaqt li teżamina jekk il-ħlasijiet iġġenerati fil-każ partikolari tagħhom kinux insupportabbli. Il-Qorti Ġenerali tat valur ogħla lill-għanijiet ġenerali mfittxija mill-iskema ta' skambju ta' drittijiet tal-emissjonijiet milli lid-drittijiet fundamentali individwali.

49 — Ara t-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, ara s-sentenza Alliance One International vs Il-Kummissjoni (C-668/11 P, EU:C:2013:614, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 — Sentenzi Schmidberger (C-112/00, EU:C:2003:333, punt 81) u Agrarproduktion Staebelow (C-504/04, EU:C:2006:30, punt 37).

77. Fit-tieni parti, DK Recycling u Arctic Paper jargumentaw li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li skontha l-prinċipju ta' proporzjonalità jimponi l-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji maħsuba biex inaqqsu l-ħlasijiet sabiex jiġi evitat li jiġu imposti fuq ċertu atturi partikolari tas-suq, fil-kuntest tal-proċess tal-armonizzazzjoni, ħlasijiet tali li dawn tal-aħħar ikunu mhedda fl-eżistenza tagħhom [51]. Fl-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, id-Deċiżjoni 2011/278 ma tiħux inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-impriżi li għalihom l-iskema ta' skambju ta' kwoti tikkawża piżijiet ekonomiċi sproporzjonati u ma tinkludi ebda miżura ta' natura li tiggarantixxi protezzjoni individwali suffiċjenti kontra ksur intollerabbli tad-drittijiet fundamentali.

78. Fit-tielet parti, DK Recycling u Arctic Paper isostnu li l-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi hija espressjoni ta' tradizzjoni kostituzzjonali komuni fl-Istati Membri, konformement mal-Artikolu 6(3) TUE u l-Artikolu 52(4) tal-Karta. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant għamlet żball ta' liġi meta injorat l-argumenti tal-appellanti dwar in-neċessità rrikonoxxuta, fid-dritt Ġermaniż, mill-Bundesverfassungericht (qorti kostituzzjonali Ġermaniża), li tiġi prevista tali klawżola.

79. Permezz tat-tliet partijiet ta' dan l-aggravju, DK Recycling u Arctic Paper jargumentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet fundamentali tagħhom meta ma ċċensuratx l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 35, 72 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet, inqis li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv fl-intier tiegħu. Fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, se nispjega fil-qosor, u b'mod sussidjarju, ir-raġunijiet li għalihom inqis li t-tliet partijiet huma, fi kwalunkwe każ, infondati.

80. Inkwantu għall-ewwel parti, nirrileva li, fis-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278 kienet tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali li kien, madankollu, iġġustifikat skont it-termini tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Fl-analiżi tagħha, il-Qorti Ġenerali bbilanċjat l-interessi inkwistjoni, filwaqt li kkunsidrat b'mod sħiħ kemm l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-operaturi tal-installazzjonijiet. Hija tirreferi wkoll speċifikament għas-sitwazzjoni partikolari tal-appellanti [52]. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza invokata, ma ssostnix, fl-opinjoni tiegħi, l-argument li l-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha skartat il-kontenut u l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta [53].

81. Inkwantu għat-tieni parti, niddubita r-rilevanza għal din il-kawża tal-ġurisprudenza msemmija minn DK Recycling u Arctic Paper. Is-sentenza T.Port (C-68/95, EU:C:1996:452) kienet fil-fatt tikkonċerna każ li fih regolament Komunitarju kien jinkludi espliċitament regola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi [54]. Issa, dan ma huwiex manifest f'din il-kawża, b'tali mod li l-ġurisprudenza invokata ma tistax tikkonfuta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali.

51 — Sentenza T. Port (C-68/95, EU:C:1996:452, punt 37, 38 u 43).

52 — Ara, fir-rigward ta' DK Recycling, il-punt 88 tas-sentenza DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833), u, fir-rigward ta' Arctic Paper, il-punt 87 tas-sentenza Arctic Paper und Mochenwangen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828).

53 — Fir-rigward, speċifikament, tal-limitazzjonijiet tad-dritt fundamentali tal-libertà tal-intrapriża, (l-Artikolu 16 tal-Karta), ara s-sentenza Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punti 46 u sussegwenti), kif ukoll is-sentenza Deutsches Weintor (C-544/10, EU:C:2012:526, punti 56 sa 59); fir-rigward tal-limitazzjonijiet għad-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta), speċifikament sabiex tiġi promossa l-protezzjoni tal-ambjent, ara s-sentenza ERG *et* (C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punti 80 u sussegwenti).

54 — Speċifikament, l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 404/93 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 388).

82. Inkwantu għat-tielet parti, jidhirli li huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li ebda element mill-proċess ma jippermetti li jiġi stabbilit li regola dwar id-diffikultajiet eċċessivi bħal dik adottata mil-leġiżlatur Ġermaniż tikkostitwixxi l-espressjoni ta' tradizzjoni kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. DK Recycling u Arctic Paper ma jipprovdu ebda element li jiżvela l-eżistenza ta' "tendenza preponderanti" fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri favur l-interpretazzjoni allegatament mogħtija mill-Bundesverfassunggericht [55].

2. Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq żbalji fl-analiżi tan-natura proporzjonata tad-Deċiżjoni 2011/278

83. Fl-ewwel parti, DK Recycling u Arctic Paper jikkontestaw il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali dwar in-natura xierqa tad-Deċiżjoni 2011/278, minkejja l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi [56]. Huma jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma vverifikatx jekk din id-deċiżjoni kinitx xierqa sabiex tiggarantixxi protezzjoni individwali suffiċjenti kontra ksur sproporzjonat tad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali skartat id-dimensjoni individwali tal-protezzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjiegi li tirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2003/87.

84. Fit-tieni parti, DK Recycling u Arctic Paper jikkontestaw il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li s-sistema ta' allokazzjoni prevista mid-Deċiżjoni 2011/278 ma hijiex sproporzjonata fis-sens strett, minkejja l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali naqset milli tqis il-limitazzjonijiet eċċezzjonali li jistgħu jirriżultaw f'każijiet konkreti u b'hekk naqset milli tikkunsidra n-neċessità ta' protezzjoni suffiċjenti tad-drittijiet individwali fl-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni. Dan wassalha għal evalwazzjoni żbaljata tal-bilanċ ġust bejn il-partijiet interessati. Min-naħa l-oħra, DK Recycling u Arctic Paper jikkontestaw: (i) il-fatt li s-sistema ta' allokazzjoni kienet tinċentiva inqas it-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' miżuri ta' adattament ekonomiċi jew tekniċi; (ii) il-fatt li l-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, (iii) il-fatt li fl-Artikolu 10a(6) tad-Direttiva 2003/87 għandna naraw dispożizzjoni li l-effett tagħha huwa li tnaqqas il-limitazzjoni imposta mis-sistema ta' skambju ta' kwoti [57].

85. Dan l-aggravju huwa intiż, essenzjalment, sabiex jikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-ksur tad-drittijiet fundamentali li tirriżulta mill-assenza fid-Deċiżjoni 2011/78 ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma hijiex sproporzjonata fir-rigward tal-għanijiet segwiti mill-iskema ta' skambju ta' kwoti. Peress li dan l-aggravju jipprevedi l-assenza, fid-Deċiżjoni 2011/278, ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 35, 72 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. B'mod sussidjarju, inqis li dan l-aggravju huwa infondat [58].

86. Inkwantu għall-ewwel parti, l-eżami tal-Qorti Ġenerali tal-kapaċità tad-Deċiżjoni 2011/278 li tilħaq l-għanijiet tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa, fl-opinjoni tiegħi, mingħajr żbalji. Il-Qorti Ġenerali identifikat, konformement mal-ġurisprudenza, kemm l-għanijiet u l-għanijiet sussidjarji ta' din l-iskema kif ukoll l-kapaċità tar-regoli ta' allokazzjoni mingħajr ħlas inklużi fid-Deċiżjoni 2011/278 sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, fl-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li

55 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 74); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:229 punt 93 sa 96) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Melloni (C-399/11, EU:C:2012:600, nota ta' qiegħ il-paġna 29).

56 — Punt 70 tas-sentenza DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830) u punt 69 tas-sentenza Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828).

57 — Ara, rispettivament, il-punti 89, 78 u 82 tas-sentenza DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830), kif ukoll, rispettivament, il-punti 88, 77 u 81 tas-sentenza Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828).

58 — Fir-rigward tal-verifika tal-proporzjonalità tal-ksur ikkonstatat tad-drittijiet fundamentali, ara s-sentenza Digital Rights Ireland et (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punti 46 u sussegwenti) kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2015:853, punti 146 u sussegwenti u l-ġurisprudenza ċċitata).

jqajmu diffikultajiet eċċessivi[59]. Għall-kuntrarju ta' dak li qed jiġi argumentat fl-appelli, nemmen li l-għan sussidjarju indikat fil-premessa 5 tad-Direttiva 2003/87 jipprevedi l-protezzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjiegi fit-totalità tagħhom u ma jimplikax protezzjoni individwali ta' kull installazzjoni li tkun tinsab f'każ partikolari, speċjalment f'każ ta' diffikultà finanzjarja.

87. Inkwantu għat-tieni parti, il-fatt li r-regoli għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas, li huma bbażati fuq il-parametri oġġettivi ddeterminati fuq bażi settorjali u ta' applikazzjoni ġenerali, u li ma jiħdux inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari marbuta ma' sitwazzjonijiet speċifiċi individwali[60], ma jinkludux klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, lanqas ma timplika li l-ħlasijiet imposti minn dawn ir-regoli huma sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija. Jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita li l-protezzjoni tal-ambjent tidher fost l-għanijiet ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali[61] u li r-realizzazzjoni ta' dan l-għan tiddependi mir-rigorożità li biha jiġu applikati r-regoli ġenerali li għandhom dan l-għan[62]. Issa, kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali, klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, li tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi individwali, tirriskja li ddgħajjef din ir-rigorożità[63]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li tali regoli ġenerali jistgħu jaffettwaw b'mod iktar qawwi lil ċerti impriżi minn oħrajn ma għandux il-konsegwenza li jattribwixxi lil dawn ir-regoli natura sproporzjonata. Fil-fatt, huwa inerenti għal tali regoli ġenerali li dawn ikollhom effett ikbar fuq ċerti installazzjonijiet milli fuq oħrajn[64]. Fl-aħħar nett, kemm l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas[65] kif ukoll ir-riferiment tal-Qorti Ġenerali għar-regoli speċjali, fosthom dik tal-Artikolu 10a(12) tad-Direttiva 2003/87, huma, fl-opinjoni tiegħi, mingħajr żball.

88. Bħala konklużjoni, peress li ż-żewġ aggravji mressqa minn DK Recycling u minn Arctic Paper fl-appelli tagħhom huma, fl-opinjoni tiegħi, ineffettivi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dawn l-appelli bħala infondati.

D – *Fuq l-appell ta' Raffinerie Heide (Kawża C-564/14 P)*

1. Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq ksur min-naħa tal-Qorti Ġenerali tad-dritt għal smigħ u tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha

89. Raffinerie Heide tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx pożizzjoni dwar il-motiv tagħha bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat ċaħdet li tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha sabiex teżamina, fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, il-"każijiet ta' diffikultà eċċessiva" ppreżentati mill-awtoritajiet Ġermaniżi, li fosthom kien hemm tagħha.

59 — Ara, rispettivament, il-punti 63 sa 65 u 66 sa 68 tas-sentenza DK Recycling und Roheinsen GmbH vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:830), kif ukoll il-punti 62 sa 65 u 65 sa 67 tas-sentenza Arctic Paper Mochenwagen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828).

60 — Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61 — Sentenza ERG *et* (C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 — Ara f'dan is-sens, rigward l-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' gassijiet serra, is-sentenza Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 26).

63 — Ara s-sentenza DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (T-630/13, EU:T:2014:833, punt 89) u s-sentenza Arctic Paper Mochenwangen vs Il-Kummissjoni (T-634/13, EU:T:2014:828, punt 88).

64 — Ara s-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-370/11, EU:T:2013:113, punt 85 u 105). Natura sproporzjonata ta' dawn ir-regoli tista' possibbilment tirriżulta f'kalkolu mhux xieraq tal-punti ta' riferiment *ex ante*. Madankollu, tali argument ma kienx issollevat fl-appelli inkwistjoni.

65 — Din ma tista' bl-ebda mod tiġi kkonfutata mill-punt 52 tas-sentenza Standley et (C-293/97, EU:C:1999:215) invokata fl-appelli.

90. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li d-Deċiżjoni 2011/278 ma kinitx tippermetti lill-Kummissjoni li tawtorizza l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li, jekk Stat Membru alloka għal installazzjoni kwoti mingħajr ħlas li ma kinux ikkalkolati konformement mar-regoli previsti fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, u għalhekk, mad-Deċiżjoni 2001/278, il-Kummissjoni kienet marbuta, skont it-termini tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/78, li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' din l-installazzjoni, mingħajr ebda setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward [66].

91. Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta li l-Kummissjoni kienet marbuta, mingħajr setgħa diskrezzjonali, li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet inkwistjoni u ma setgħetx teżamina individwalment il-każ ippreżentat quddiemha mill-awtoritajiet Ġermaniżi lil hinn mir-regoli inklużi fid-Deċiżjoni 2011/278. Fl-assenza tal-invokazzjoni tal-illegalità tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tad-Direttiva 2003/87, dawn il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma, fl-opinjoni tiegħi, suffiċjenti bħala tweġiba għall-argument invokat minn Raffinerie Heide quddiemha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Raffinerie Heide ma tista' targumenta ebda ksur tad-dritt għal smigħ tagħha u tal-obbligu ta' motivazzjoni. Dan l-aggravju għalhekk għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-Artikoli 10a u 11(3) tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll tad-Deċiżjoni 2011/278

92. Fl-ewwel parti, Raffinerie Heide ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-Deċiżjoni 2011/278 kienet teskludi kull allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas supplimentari f'każijiet individwali li jqajmu diffikultajiet eċċessivi u ma tagħti lill-Kummissjoni ebda setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward. Fit-tieni parti, Raffinerie Heide ssostni li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni setgħet talloka kwoti supplimentari lill-installazzjonijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87.

93. Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 43 sa 71 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li l-Kummissjoni ma kinitx awtorizzata biex tipprovdi fid-Deċiżjoni 2011/278 l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi. Minn dan isegwi li l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda. Jirriżulta wkoll mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija li allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' tali klawżola hija inkompatibbli ma' għan sussidjarju li jikkostitwixxi element essenzjali tad-Direttiva 2003/87. Minn dan isegwi li ebda dispożizzjoni oħra ta' din id-direttiva ma tista' tkun bażi għal tali allokazzjoni. Konsegwentement, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

3. Fuq it-tielet aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li jimponi fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fundamentali

94. Fit-tielet aggravju tagħha, Raffinerie Heide ssostni li l-Qorti Ġenerali injorat l-obbligu li jimponi fuq il-Kummissjoni interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fundamentali u li, għalhekk, kisret l-Artikolu 51(1) tal-Karta. Anki jekk id-Deċiżjoni 2011/278 kienet meqjusa bħala li ma tħalli lill-Kummissjoni ebda setgħa diskrezzjonali sabiex tieħu inkunsiderazzjoni każijiet ta' diffikultajiet eċċessivi, il-Kummissjoni kellha, fi kwalunkwe każ, tinterpreta d-Direttiva 2003/87 fid-dawl tad-drittijiet fundamentali u, konsegwentement, tieħu inkunsiderazzjoni l-każijiet ta' diffikultajiet eċċessivi, fosthom dak ta' Raffinerie Heide, sottomess lilha. Deroga mill-obbligu tal-Istituzzjonijiet li jagħtu interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fundamentali ma tistax tkun iġġustifikata minħabba li l-Kummissjoni ma hijiex awtorizzata tagħmel dan.

66 — Ara s-sentenza Raffinerie Heide vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830, punti 41 sa 44).

95. Għandu jiġi rrilevat li dan l-aggravju ma ġiex imressaq quddiem il-Qorti Ġenerali u ma jirriżultax lanqas mill-istess sentenza appellata [67]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn jibdel is-suġġett tat-tilwima, dan għandu jitqies inammissibbli [68].

4. Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq żnaturament tal-provi

96. Raffinerie Heide tqis li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi li hija ġabet quddiemha intiżi sabiex turi li s-sitwazzjoni tagħha kienet tikkostitwixxi każ ta' forza maġġuri. Fost dawn il-provi, hija ssemmi r-realizzazzjoni tal-investimenti fl-2011 fuq il-bażi ta' obbligu amministrattiv, l-użu ta' investimenti favur miżuri ta' protezzjoni tal-ambjent, il-bżonn li jiġi kkuntrattat self sabiex jiġi żgurat il-finanzjament ta' dawn l-investimenti u t-talba għar-rikonoxximent ta' każ li jqajjem diffikultajiet eċċessivi għall-awtoritajiet Ġermaniżi u r-reazzjoni pożittiva tagħhom.

97. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Żnaturament tal-provi jeżisti meta, mingħajr ma jkun meħtieġ li jsir użu ta' provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tidher manifestament żbaljata [69]. Issa, fil-punt 45 tas-sentenza appellata dwar Raffinerie Heide (T-631/13, EU:T:2014:830), il-Qorti Ġenerali esponiet mingħajr żball ir-raġunijiet li għalihom hija kkunsidrat li Raffinerie Heide ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni ta' forza maġġuri.

5. Fuq il-ħames aggravju bbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali u tat-test ta' proporzjonalità minħabba l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/78

98. Fl-ewwel parti, Raffinerie Heide tikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar in-natura xierqa tad-Deċiżjoni 2011/278. Fl-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, din id-deċiżjoni: (i) ma tinkludi ebda dispożizzjoni li tirreaġixxi għall-għan sussidjarju li jikkonsisti fiż-żamma tal-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi u anki twettaq ksur tiegħu, (ii) tmur kontra l-għan ta' adattament progressiv minħabba li l-installazzjonijiet li ma għandhomx riżorsi finanzjarji sabiex itejbu l-prestazzjoni tagħhom ikollhom jagħlqu, (iii) tinkoraġġixxi wkoll ir-rilokalizzazzjoni tal-produzzjoni f'pajjiżi terzi barra mill-iskema tal-iskambju tal-kwoti, u (iv) iġġiegħel lill-installazzjonijiet li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja, iżda li jkunu għadhom qed joperaw, iħallu s-suq.

99. Fit-tieni parti, Raffinerie Heide tikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar il-karattru neċessarju tad-Deċiżjoni 2011/278. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova meta talbet li d-detentur tad-drittijiet fundamentali jipprovdi prova tan-natura neċessarja tal-ksur ikkonstatat kontra d-drittijiet tiegħu, meta hija l-istituzzjoni tal-Unjoni li għandha tipprova li l-miżura tagħha hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ta' każijiet preċiżi u limitati ta' diffikultajiet eċċessivi jikkostitwixxi miżura inqas stretta minn rifjut ġeneralizzat tal-analiżi tagħhom.

100. Fit-tielet parti, Raffinerie Heide tikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar il-proporzjonalità fis-sens strett tad-Deċiżjoni 2011/278. L-ewwel nett, id-Deċiżjoni 2011/278 ma turix li l-ibbilanċjar mitlub mill-Qorti Ġenerali sar. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità. Il-miżuri msemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 82 sa 86 tas-sentenza kkontestata (T-631/13, EU:T:2014:830) jikkostitwixxu regoli ġenerali li għandhom l-għan li jiggarantixxu l-ksur tad-drittijiet fundamentali mwettaq mid-Direttiva 2003/87, iżda dawn ma jistgħux jiġġustifikaw ir-restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni f'din il-kawża. It-tielet nett, billi tqis, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, li d-Deċiżjoni 2011/278 hija sproporzjonata biss jekk hija "tipikament" thedded l-eżistenza tal-operaturi tal-installazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tapplika kriterju

67 — Sentenzi Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P à C-233/11 P, EU:C:2014:256, punt 102) kif ukoll Areva *et* vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punti 118 u 170).

68 — Ara l-punt 72 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 — Ara, *inter alia*, id-digriet The Sunrider Corporation vs UASI (C-142/14 P, EU:C:2015:371, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

żbaljat u tiskarta l-fatt li l-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi għandha l-għan li tieħu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi atipiċi li jirrikorru f'każijiet partikolari li jistgħu jiġu pprovokati minn miżuri ta' awtorità pubblika. Barra minn hekk, skont Raffinerie Heide, l-analiżi rudimentarja tal-każ individwali tagħha li saret fil-punt 89 tas-sentenza appellata ma tippermettix li jiġi attestat li l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/278 fil-każ tagħha kienet proporzjonata. Il-Qorti Ġenerali ma tweġibx għall-kwistjoni ta' jekk ir-regoli inklużi fid-Deċiżjoni 2011/278 humiex xierqa għall-każijiet kollha li jitfaċċaw. Is-sentenza T. Port (C-68/95, EU:C:1996:452) tikkonferma li l-eżami tal-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi tista' tirriżulta li tkun assolutament neċessarja każ b'każ sabiex tiġi ggarantita n-natura proporzjonata ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq.

101. Dan l-aggravju huwa essenzjalment intiż sabiex jikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-ksur tad-drittijiet fundamentali li jirriżulta mill-assenza fid-Deċiżjoni 2011/278 ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma huwiex sproporzjonat fir-rigward tal-għanijiet segwiti mill-iskema ta' skambju ta' kwoti. Peress li jipprevedi l-assenza fid-Deċiżjoni 2011/278 ta' tali klawżola, mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 35, 72 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Sussidjarjament, inqis li dan l-aggravju huwa infondat.

102. Inkwantu għall-ewwel parti, għandu jiġi rrilevat, bħalma rrilevat il-Kummissjoni, li d-Direttiva 2003/87 stess tinkludi dispożizzjonijiet li jwieġbu għall-għan sussidjarju li jikkonsisti fiż-żamma tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjiegi kif ukoll li jfittex li jevita r-rilokalizzazzjoni [70]. Barra minn hekk, l-istabbiliment tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas jipprevedi, fih innifsu, l-għan tal-adattament progressiv tal-installazzjonijiet għall-iskema ta' skambju, filwaqt li r-realizzazzjoni ta' tali għan għandha madankollu tkun konformi mal-għanijiet u l-għanijiet sussidjarji proprji tad-Direttiva 2003/87. Issa, irrilevajt diversi drabi li klawżola bħal dik irrakkomandata minn Raffinerie Heide hija inkompatibbli mal-għan sussidjarju taż-żamma tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, peress li l-punt tat-tluq sabiex jiġu ddefiniti l-prinċipji tal-istabbiliment ta' punti ta' riferiment *ex ante* huma, skont it-termini tal-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87, il-prestazzjoni medja ta' 10% tal-installazzjonijiet l-iktar effikaċi ta' settur jew subsettur, għandu jiġi kkonstatat li għall-kuntrarju ta' dak li qed isostni Raffinerie Heide, l-iskema tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għandha l-għan li tagħti vantaġġ lill-installazzjonijiet li għandhom l-aħjar prestazzjoni.

103. Inkwantu għall-ewwel aspett tat-tieni parti, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-punti 72 u 73 tas-sentenza kkontestata (T-631/13, EU:T:2014:830) imsemmija minn Raffinerie Heide, il-Qorti Ġenerali ma qalbitx l-oneru tal-prova iżda sempliċement wieġbet għal argument dwar in-natura neċessarja tad-Deċiżjoni 2011/278, li kienet Raffinerie Heide, li qajmet dan il-punt, li kellha turi l-bażi tiegħu. It-tieni paragrafu jirriproduċi eżattament l-argument diġà ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali li ċaħditu mingħajr żball [71].

104. Inkwantu għat-tielet parti, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-fatt li l-premessi tad-Deċiżjoni 2011/278 ma jsemmux b'mod espliċitu il-bilanċ tal-interessi inkwistjoni ma jimplikax li l-Kummissjoni ma pproċedietx b'dan l-ibbilanċjar fid-deċiżjoni msemmija. It-tieni nett, Raffinerie Heide ma tikkontestax il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, inkluża fil-punt 89 ta' din is-sentenza appellata, li d-diffikultajiet ta' din l-appellanti joriġinaw mill-komportamenti ekonomiċi u finanzjarji proprji tagħha. F'dak li jirrigwarda t-tielet aspett, immur lura għall-kunsiderazzjonijiet li għamilt fil-punti 81 u 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

105. Fl-aħħar nett, fid-dawl ta' dak li ntqal s'issa, nipproponi li l-appell ta' Raffinerie Heide jiġi miċħud.

70 — Ara l-punti 82 u sussegwenti tas-sentenza Raffinerie Heide vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830).

71 — Ara l-punti 72 u 73 tas-sentenza Raffinerie Heide vs Il-Kummissjoni (T-631/13, EU:T:2014:830).

E – *Fuq l-appell ta' Romonta (Kawża C-565/14 P)*

1. Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/78 u ta' applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità

106. Fl-ewwel parti, Romonta sostniet li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta interpretat id-Deċiżjoni 2011/278 bħala eżawrjenti u, għalhekk, meta kkonkludiet li allokazzjoni ta' kwoti supplimentari mitluba fuq il-bażi tal-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi kienet awtomatikament eskluża fin-nuqqas ta' indikazzjoni espliċita f'din id-deċiżjoni. Skont Romanta, anki fl-assenza ta' tali klawżola, l-allokazzjoni ta' kwoti supplimentari kellha ssir, peress li, il-kawża inkwistjoni rrigwardat każ li jqajjem diffikultà eċċessiva minħabba forza maġġuri. Fil-fatt, ir-riskju tal-insolvibbiltà ma kienx prevedibbli, peress li dan sar plawżibbli biss fl-2011, meta l-Kummissjoni ddeċidiet li ma tiddefinixxix il-punt ta' riferiment tal-prodott għax-xema' tal-linjite. Dan ir-riskju kien ukoll inevitabbli, ladarba, għal raġunijiet tekniċi, Romonta ma setgħetx tuża fjuwils oħra sabiex tiżgura l-produzzjoni tagħha.

107. F'dan ir-rigward, f'dak li jirrigwarda n-natura eżawrjenti tad-Deċiżjoni 2011/278, jirriżulta direttament mit-test tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 li jirreferi għal "miżuri ta' implimentazzjoni kompletament armonizzati fil-livell Komunitarju" li r-regoli tranżitorji tal-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas adottati fid-Deċiżjoni 2011/278 jagħtu lok għal armonizzazzjoni totali li ma tħalli ebda spazju għal regoli nazzjonali. Għalhekk dawn huma eżawrjenti.

108. Barra minn hekk, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, skont il-ġurisprudenza, każ ta' forza maġġuri jippreżupponi kawża esterna imprevedibbli sal-punt li jrendi oġġettivament impossibbli għall-persuni kkonċernati li josservaw l-obbligi tagħhom [72].

109. Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-kunċett ta' forza maġġuri għandu jiġi estiż sabiex jinftiehem li jirreferi għal ċirkustanzi esterni għal dak li qed jiġi invokat, li ma humiex normali jew li ma humiex prevedibbli, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja kull diliġenza applikata [73]. Issa, naqbel mal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li ma ġietx ikkontestata minn Romanta, li skontha s-sempliċi riskju ta' insolvibbiltà ta' persuna u li din ma tkunx tista' tissodisfa obbligu ta' restituzzjoni minħabba mezzi insuffiċjenti ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi ddikjarat każ ta' forza maġġuri. Dan huwa biżżejjed sabiex l-ewwel parti tiġi miċħuda.

110. Fit-tieni parti, Romonta tikkunsidra, b'mod sussidjarju, li l-Qorti Ġenerali applikat, b'mod mhux preċiż, il-prinċipju ta' proporzjonalità meta eżaminat in-natura xierqa tad-Deċiżjoni 2011/278. Din il-parti għandha tliet aspetti. L-ewwel nett, Romanta tqis, għall-kuntrarju tal-Qorti Ġenerali, li klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma tmurx kontra l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas minħabba r-raġuni doppja li dan tal-aħħar ma jipprevalix fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità u li s-sistema tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas ma tiffunzjonax skont ir-rabta kawżali karatteristika tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, iżda skont il-prodott u l-għażliet tal-politika industrijali. It-tieni nett, Romonta tqis li l-miżuri partikolari favur l-industrija ma humiex biżżejjed sabiex jikkumpensaw għall-ħlasijiet u sabiex jiġġustifikaw in-natura xierqa tad-Deċiżjoni. It-tielet nett, hija tgħid li l-Qorti Ġenerali warrbet "il-portata individwali" tal-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu 52(1) tal-Karta sa fejn ma tiħux inkunsiderazzjoni l-każijiet partikolari tal-impriżi li jsofru minn diffikultajiet eċċessivi fil-kuntest tal-analiżi tan-natura xierqa tad-deċiżjoni.

72 — Ara, rispettivament, is-sentenza Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 31) u s-sentenza Romonta vs Il-Kummissjoni (T-614/13, EU:T:2014:835, punt 48).

73 — Sentenza Eurofit (C-99/12, EU:C:2013:487, punt 31). Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li sempliċi nuqqas ta' funzjonament intern ma jistax jikkostitwixxi tali ċirkustanza. Ara s-sentenza Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 31).

111. Din it-tieni parti hija intiża, essenzjalment, sabiex tikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-ksur tad-drittijiet fundamentali li jirriżulta mill-assenza fid-Deċiżjoni 2011/78 ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi ma huwiex sproporzjonat. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 35, 72 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fi kwalunkwe każ, b'mod sussidjarju, inqis li dan l-aggravju huwa infondat.

112. F'dak li jirrigwarda l-ewwel aspett, diġà indikajt li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali rigward il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas hija korretta. Din l-analiżi ma tistax tiġi kkonfutata bir-riferiment għas-sentenza Standley *et*[74], li fuqha huwa bbażat l-ewwel argument ta' Romonta. Barra minn hekk, inkwantu għat-tieni argument, peress li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huwa previst fl-Artikolu 191(2) TFUE bħala wieħed mill-prinċipji li jiggwidaw il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, huwa evidenti li l-leġiżlazzjoni kollha tad-dritt sekondarju għandha tkun konformi miegħu. Inkwantu għat-tieni u t-tielet aspetti, immur lura għall-punt 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

113. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali

114. Romonta targumenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-libertà professjonali tagħha u d-dritt għall-proprjetà tagħha previsti fl-Artikoli 15 u 16 tal-Karta. Hija ssostni li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278 ma taffettwax il-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali tagħha, ladarba l-assenza ta' tali klawżola tikkostitwixxi ksur li l-intensità tiegħu hija ekwivalenti għall-projbizzjoni diretta tal-eżerċitar ta' attività professjonali jew privatizzazzjoni ta' proprjetà, peress li Romonta ma tistax tissokta bl-attivitajiet tagħha.

115. Permezz ta' dan l-aggravju, Romonta ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet fundamentali meta ma ċċensuratx l-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 39, 72 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet, inqis li dan l-aggravju huwa ineffettiv. B'mod sussidjarju, inqis li dan l-aggravju huwa infondat. Fil-fatt, fil-punt 61 tas-sentenza kkontestata inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-assenza ta' klawżola dwar każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi fid-Deċiżjoni 2011/278, ma taffettwax il-kontenut essenzjali la tal-libertajiet professjonali u tal-intrapriża u lanqas tad-dritt għall-proprjetà sakemm ma ttellifx l-eżerċitar ta' attività professjonali u imprenditorjali bħala tali mill-operaturi tal-installazzjonijiet sottomessi għall-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ma ċċaħħadx lil dawn tal-aħħar mill-proprjetà tagħhom. Għalhekk, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

3. Fuq it-tielet aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà

116. Romonta targumenta li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta ma kkunsidratx ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Skontha, id-Deċiżjoni 2011/278 tittratta l-qasam ambjentali, li jaqa' taħt kompetenzi kondiviżi. Issa, il-kompetenzi kondiviżi li ma humiex eżerċitati mill-Unjoni jaqgħu fuq l-Istati Membri. Għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, id-Deċiżjoni 2011/278 ma stabbilixxietx regoli eżawrjenti dwar l-allokazzjoni. L-assenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi kienet tikkostitwixxi nuqqas regolamentarju li ppermetta li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkun tista' tilleġiżla f'dan il-qasam sabiex tilħaq l-għanijiet regolamentari f'dak li jikkonċerna lil Romonta.

74 — C-293/97, EU:C:1999:215, punt 52.

117. Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stipulat fit-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 5(3) TUE, "l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn, l-objettivi ta' l-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell ta' l-Unjoni." (Artikolu 5(3) TUE).

118. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-premessa tal-argumentazzjoni ta' Romonta hija żbaljata. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 107 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti Ġenerali ma għamlitx żball meta kkonstatat li d-Deċiżjoni 2011/278 hija eżawrjenti. Min-naħa l-oħra, fl-appell tagħha, ma ppruvatx lanqas tiċħad il-konstatazzjoni li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 106 tas-sentenza kkontestata inkwistjoni li skontha hija ma kkontestatx il-fatt li l-istabbiliment tal-iskema ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet fl-Unjoni permezz tad-Direttiva 2003/87 ma jistax isir b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment u li l-istabbiliment ta' dan l-iskema jista' għalhekk, minħabba d-dimensjoni u l-effetti tagħha, jitwettaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

4. Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq motivazzjoni kontradittorja u insuffiċjenti

119. L-ewwel nett, Romonta ssostni li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 70 tas-sentenza appellata minnha, li skontha l-operaturi ta' installazzjoni huma inqas imħeġġa sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra fil-preżenza ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi, tikkontradixxi konstatazzjoni oħra tagħha, fil-punt 81 tas-sentenza appellata minnha, li skontha l-allokazzjoni ta' kwoti supplimentari skont il-klawżola msemmija twassal fis-setturi u s-subsetturi kollha kkonċernati, minħabba l-fatt tal-applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni uniformi transsettorjali, għal tnaqqis tal-kwoti allokati mingħajr ħlas għall-operaturi l-oħra. Romonta tafferma li tali klawżola ftit li xejn tinkoraġġixxi t-tnaqqis tal-emissjonijiet u li dan l-inkoraġġiment inkwistjoni jiġi ttrasferit lejn l-operaturi li għandhom l-aħjar prestazzjoni. It-tieni nett, Romonta tqis li l-Qorti Ġenerali ma analizzatx biżżejjed il-kwistjoni tat-trasferiment tal-emissjonijiet lejn pajjiżi terzi. F'dan is-sens, hija ma kkunsidratx biżżejjed l-għan tal-protezzjoni globali tat-tibdil fil-klima. It-tielet nett, Romonta tqis li l-Qorti Ġenerali għal darb'oħra tikkontradixxi ruħha fil-punt 89 tas-sentenza kkontestata meta affermat, minn naħa, li l-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi jservu sabiex jingħelbu d-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji li jirriżultaw mill-ġestjoni individwali ta' impriża, kif ukoll meta affermat, fil-punt 90, li d-diffikultajiet ekonomiċi ta' Romonta jirriżultaw biss mill-fatt tal-applikazzjoni ta' punt ta' riferiment tas-sħana marbuta mal-gass, u mhux max-xema' tal-linjite, u minħabba għalhekk l-aġir tal-Kummissjoni.

120. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ma teżisti ebda kontradizzjoni bejn il-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punti 70 u 81 tas-sentenza appellata inkwistjoni. Kif jirriżulta mill-argumentazzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-aħħar punt tagħha, l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi żżid l-ispejjeż tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-adattament neċessarju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-impriżi li għandhom l-aħjar prestazzjoni, li huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, prinċipju fundamentali fil-qasam ambjentali. Din l-affermazzjoni hija għalkollox koerenti ma' dik tal-punt 70. It-tieni nett, ma żvelajt ebda żball ta' motivazzjoni fl-argumentazzjoni użata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 71 tas-sentenza appellata inkwistjoni. It-tielet nett, fl-ewwel sentenza tal-punt 90 tas-sentenza appellata inkwistjoni, imsemmija fl-argument ta' Romonta, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha li tissokta bl-argument ta' Ramonta u fil-fatt ma kkonstatatx ir-raġunijiet għad-diffikultajiet ekonomiċi tagħha.

121. Fl-isfond ta' dak li ntqal, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll. Konsegwentement, l-appell ta' Romonta għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

VI – **Fuq l-ispejjeż**

122. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regolament, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni talbet l-ispejjeż kontra l-appellanti u dawn tilfu t-talbiet tagħhom, huma għandhom jiġu ordnati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

VII – **Konklużjoni**

123. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— fil-Kawża C-540/14 P, jiġi miċħud l-appell ta' DK Recycling und Roheisen GmbH u li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż;

— fil-Kawża C-551/14 P, jiġi miċħud l-appell ta' Arctic Paper Mochenwangen GmbH u li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż;

— fil-Kawża C-564/14 P, jiġi miċħud l-appell ta' Raffinerie Heide GmbH u li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż;

— fil-Kawża C-565/14 P, jiġi miċħud l-appell ta' Romonta GmbH u li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż.